**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Gunju, 2019**

**Talba Nru: 3/2019PM1**

**E. Ferris & Sons Limited (C3384)**

**Vs**

**(1) V12 Limited (C59655)**
**(2) Giancarlo Santaera (K.I. 107882(A))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-hmistax (15) ta' Jannar, 2019 permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet li l-intimati jew min minnhom jigu kkundannati jhallsu is-somma ta' tlett elef tliet mija erbgha sittin euro hamsa u disghin centezmu (€3,364.95) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' €2,426 bilanc illi ghadu dovut mill-konvenut jew min minnhom lill-kumpannija attrici skont ftehim datat 26 ta'Marzu, 2018 (Dok. 'A' anness mal-avviz) u in kwantu r-rimanenti parti ta' €938.95 ammont illi giet imgieghla thallas is-socjeta` attrici (Dok. 'B' anness mal-avviz) izda li kienu obbligati jhallsu il-konvenuti jew min minnhom ai termini tal-ftehim premess bl-imghax bir-rata legali mid-dati premessi sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kollha relatati ma' din il-kawza inkluzi l-ispejjez ta' kwalunkwe mandat li jista' jigi prezentat rigwardanti l-prezenti avviz kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba.

Ra s-sentenza *in parte* datata 1 t'April, 2019 diga` moghtija minn dan it-Tribunal fil-konfront tal-konvenut Santaera.

Ra l-affidavit ta' Nicholas Ferris (a fol. 26 tal-process) u sema' x-xhieda ta' Carmel Gauci.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal datat 2 ta' Mejju, 2019.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm, sussegwentement ghad-digriet surreferit, is-socjeta` konvenuta V12 Limited giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti tal-5 ta' Gunju, 2019, tal-14 ta' Gunju, 2019 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fil-konfront tal-istess socjeta` intimata fis-seduta tal-14 ta' Gunju, 2019 u fil-fatt ma deher hadd ghas-socjeta` intimata sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluza s-sentenza diga` moghtija minn dan l-istess Tribunal fil-konfront tal-intimat Giancarlo Santaera datata l-ewwel t'April, 2019 .

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra ukoll mis-socjeta` intimata. L-ammont mitlub jinsab ukoll konfermat mid-dokumenti annessi mal-istess avviz tat-talba, senjatament il-ftehim li l-intimat Santaera iffirma kemm f'ismu personali u kif ukoll f'isem is-socjeta` intimata b'responsabilita` *jointly and severally* bejniethom u wkoll mill-affidavit ta' Nicholas Ferris.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata ukoll fir-rigward tas-socjeta` konvenuta V12 Limited, it-Tribunal filwaqt ghal kull buon fini jikkonferma s-sentenza *in parte* moghtija minnu fl-1 t'April, 2019 fil-konfront tal-konvenut Santaera, jilqa' it-talba u jikkundanna wkoll lill-istess socjeta`

konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ tlett elef tliet mija erbgha u sittin euro hamsa u disghin centezmu (€3,364.95) rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta’ €2,426 bilanc illi ghadu dovut skont il-ftehim datat 26 ta’Marzu, 2018 u in kwantu r-rimanenti parti ta’ €938.95 ammont illi giet imgieghla thallas is-socjeta` attrici izda li kienet obbligata thallas l-istess socjeta` konvenuta ai termini tal-ftehim premess bl-imghax bir-rata legali mid-data tas-sentenza odjerna. Avut rigward ghas-sentenza *in parte* moghtija minn dan it-Tribunal fl-1 t’April, 2019 fil-konfront tal-intimat Santaera, l-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom ukoll jigu sopportati mill-istess konvenuti *in solidum* bejniethom.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**